MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 226/2003

**Avviz Nru 226/03 – DM**

**Pater Finance Co Ltd**

**Vs**

**Nello Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l- kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta' tlett elef, tlett mija u erbgha u erbghin Lira Maltin (Lm3344) rapprezentanti import ta' dsatax (19) il-kambjala, kollha ta' Lm176 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Ottubru 2001 sa April 2003 rispettivament u mhux imhallsa, anness mall-avviz bhala dokumenti minn numru 1 sa 19 konsekuttivament u inklussivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sas-16 ta' April 2003 ammontaw ghal Lm235, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes, komprizi dawk tal-konsult legali (Lm6.00) kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-kambjalijiet originali;

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tallum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qeghda ghalhekk tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ghar-ragunijiet premessi fl-avviz huwa jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett elef, tlett mija u erbgha u erbghin Lira Maltin (Lm3344) kif ukoll ihallas is-somma ta' Lm235 (mitejn u hamsa u tletin lira Maltin) imghax legali skadut sas-16 t'April 2003 bl-imghaxi legali ulterjuri fuq il-kapital ta' Lm3344 (tlett elef tlett mija erba' u erbghin lira Maltin) b'effett mis-17 t'April 2003;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------